IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru19 (dsatax) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar it-Ħamis, 16 ta' April, 2020, fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**19.1 Item Nru.19.1 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

19.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**19.2 Item Nru. 19.2 fuq l-Aġenda -** Xogħol importanti li jrid isir.

19.2.1 Il-Kunsill qabel li isiru bollards tal-plastic fi Trejqet ix-Xilep u 2 fil-kantuniera ta' Triq San Ġakbu ma' Triq l-Awrat.

19.2.2 Is-Sur Attard qal li x-xogħol tal-latrina miexi ġmielu u għalhekk hu maħsub li tkun lesta sa Mejju. Ix-xogħol li qiegħed isir huwa dak ta' madum u set sanitarju, dawl u ilma, aperturi, kisi, u camera fuq barra.

19.2.3 Is-Sindku qal li dwar il-proġett Urban Greening il-Kunsill gab stimi ta' Palm għax xatt u il-Kunsill qabel li tintgħażel l-irħas waħda għal palm u l-irħas waħda għax-xogħol tal-konka u d-dawl.

Is-Sur Attard qal ukoll li ċċekkja mal-ERA u qalulna li m'hemmx bżonn permess biex jitħawlu.

19.2.4 Is-Sur Attard qal li hemm biċċa soft area mitluqa b'ħaxix ħażin u ħmieġ f' Dawret ix-Xatt quddiem il-Joe Joes Bar. Huwa ippropona li titnaddaf u ssir bil-konkos u il-quddiem napplikaw u tiġi kids area.

19.2.5 Is-Sur Attard qal li l-biċċa ta' quddiem il-Joe Joes bdiet titnaddaf u ser titlesta fil-ġranet li ġejjin.

19.2.6 Is-Sur Attard qal li dwar il-jogging track bgħatna lil Ministeru tal-Finanzi sabiex iżiduha fil-budget tas-sena d-dieħla.

19.2.7 Is-Sindku ippropona li l-ħadid tax-xatt naraw kemm jiġi jiswa jekk naqlgħuh, nibblastjawh u nergghu niggalvanizzawh. Kulħadd qabel li nġibu l-istima. Is-Sindku qal li minkejja tkellem mal-Ministru Ian Borg jidher li ser idum il-proċess.

19.2.8 Is-Sa. Rosabelle Pulis ipproponiet li nkellmu lill-Ozo Group sabiex nitolbu tmien ħaddiema biex iqaxxru u jiżbgħu il-bankijiet tax-xatt. Kulħadd qabel ma' dan.

19.2.9 Is-Sa. Doris Borg staqsiet x nistgħu nagħmlu dwar il-banju ta' fejn il-Milord u s-Sindku qal li ser ikellem lil ERA sabiex naraw jekk nistgħux nirranġawħ aħna.

19.2.10 Is-Sindku ippropona li tinħareġ expression of interest tal-Hall bl-istat li qiegħed u naraw x'joffri il-privat. Kulħadd qabel.

19.2.11 Wara li inġiebu kwotazzjonijiet fuq qtugħ ta' ħaxix fil-Fort Park, u Triq Karmelo Ritchie il-Kunsill iddeċieda li jagħżel l-irħas offerta.

19.2.12 Il-Kunsill qabel li jiġu ordnati xogħol ta' żebgħa u tabelli mingħand il-koptasin skond li jkun hemm bżonn.

**19.3 Item Nru. 19.3 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

IX-XGĦAJRA

19.3.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.13pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju, 2020 fil-5.30pm

**Iffirmat**

______________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

**Iffirmat**

______________________

Neil Attard

Sindku